Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT-TLETTAX-IL LAQGĦA TAT-TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 27 ta' Jannar 2016

**Ħin:** Mill-5.00pm sas- 8.00pm

**Prezenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tnax-il laqgħa ta' nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar 2016. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Ma kien hemm ebda *arising out* mill-minuti

## 3. Approvazzjoni tal-Bagit 2016, Financial Statements 2015 u Quarter Financial Report minn Ottubru sa Diċembru

L-Estimi għas-sena Finanzjarja 2016, kif emendati fl-aħħar laqgħa tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill fil-format skont ir-regolamenti finanzjarji (mehmuża).

Fuq mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Joe Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara, il-Kunsill unanimament approva l-estimi finanzjarji għas-sena 2016. L-estimi ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**Dan il-ħin (18.23pm) daħal il-Vici Sindku Andre' Grech**

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Ottubru sa Diċembru (mehmuż)

Ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Ottubru sa Diċembru 2015 kien propost għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Ir-Rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2015. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa (mehmuż). L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti.

Fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Andre Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Daniel Muscat, il-Kunsill unanimament approva r-Rapport Finanzjarju Annwali għas-sena 2015. Ir-Rapport Finanzjarju Annwali 2015 ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett

## 4. Kuntratt l-ġdid għal ġbir ta' skart riċikklat

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-proposti mibgħuta minn Green MT u GreenPak għal kuntratt il-ġdid għal ġbir ta' skart riċiklat mis-Sindku Dr. Ian Spiteri.

Huwa qal li ra fid-dettal l-proposti mressqa miż-żewġ kumpaniji u għar raġuni li ż-żewġ proposti huma simili ħafna jidhirlu, li l-Kunsill kollu ghandu jkun jaf x'proposti ġew mressqa u kien tal-fehma li tingħata kopja personali lil kull Kunsillier biex jagħrbel x'fihom id-dokumenti u l-ġimgħa d-dieħla tiġi msejħa laqgħa urġenti tal-Kunsill u fiha jiġi aġġudikat dan il-kuntratt. Il-Kunsill qabel li jsir dan.

## 5. Espressjoni ta' Interess għal xogħolijiet fil-post il-ġdid tal-Kunsill- Aġġornament

Is-Sindku ta d-dettalji fuq l-aħħar żviluppi f'dak li jirrigwarda l-post il-ġdid tal-Kunsill fejn qal li l-perit tal-Kunsill issottometta lill-MEPA applikazzjoni għal permess u la darba l-Kunsill ikollu l-permess meħtieġ jiġu nfurmati dawk il-kuntratturi kollha li wrew interess biex jitfgħu l-kwotazzjoni tagħhom. Sadanittant is-Sindku kellem lil interior designer biex tibgħat għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni biex isiru pjanti għal lighting, soffitti, għamara etc.

## 6. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera

### Sindku Dr. Ian Spiteri

Is-Sindku ressaq ilment ta' residenta għal fatt li meta sar iż-żbir tas-siġar ma gietx infurmata minn qabel li ser isir dan ix-xogħol. Filwaqt li skuża ruħu għal xi inkonvenjent talab lis-SE biex għal darba oħra, qabel ma jsir dan ix-xogħol, jiġu nfurmati r-residenti permezz ta' ittra.

Is-Sindku ressaq talba tal-pulizija li jkunu għassa mal-President ta' Malta biex jinħareġ permess għal yellow box quddiem ir-residenza tagħha fi Triq San Franġisk.

Is-Sindku għarraf lil Kunsill li avviċinawh xi residenti fuq il-proposta tal-Gvern Ċentrali għal żieda ta' żewġ sulari fejn hemm residenzi tax-xjuħ. Huma qalulu li bħala Kunsill għandu joġġezzjona għal dan minħabba l-problema ta' parking u traffiku li jista' jinħoloq. Huwa talab lill-Kunsill biex jara dawn il-proposti u jagħti l-opinjoni tiegħu għal dan u fil-laqgħa urġenti li jmiss jiġi diskuss dan il-fatt.

**Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara**

Il-Kunsillier talab jekk kienx hemm xi update fuq il-blokki tal-konkrit li jinsabu fis-sit biswit Wesgħa Profs Ġużè Aquilina. Is-SE wieġeb li ma kienx hemm ebda żviluppi ħlief għal komunikazzjoni li kien bagħat lil-Kunsilliera mill-Perit ta' Transport Malta.

Il-Kunsillier ressaq ilment tas-Sinjura Fenech fuq il-kaxxi s-sofor reserved li jinsabu fi Triq il-Wied. Is-SE wieġeb li l-kaxxa s-safra li hemm kantuniera ma' Triq it-Tlett Knejjes hija koperta b'permess minn Transport Malta. Is-Sur Zammit Marmara qal li hemm oħra fil-viċin. Is-SE ser jara għal liema kaxxa qed issir referenza u jara jekk hemmx xi permess.

Il-Kunsillier ilmenta li l-problema ta' infurzar għadha ma ġietx indirizzata għax l-abbuż sfaċċat ta' sewqan sfrenat għadu għaddej speċjalment fi triq il-Ferrovija l-Qadima kif ukoll li żdied il-ħruġ ta' boroz tal-iskart anke l-Ħadd. Is-SE ser jibgħat jinfurma lill-LESA, il-kumpanija l-ġdida ta' Gvern biex kemm jista' jkun isiru rondi ta' spiss fil-lokalita' ta' Ħal Balzan.

Il-Kunsillier qal li qed jinnota li ħafna residenti qed ipoġġu fliexken ta' l-ilma fuq il-bankina bħala detriment u jidhirlu li dan ma għandux isir għax hija propjeta' pubblika.

Is-Sur Marmara rrefera għal kwistjoni tal-Facebook u jidhirlu li qam kjass għal xejn u ma għandix issir aktar diskussjoni fuqha.

Is-Sur Marmara staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq l-ilma jinten li ħiereġ minn ġewwa l-blokka l-ġdida ta' appartamenti fi Triq Dr. J Zammit. Is-SE wieġeb li għadu qed jistenna rapport mid-Dipartiment tas-Sanita' f'dan ir-rigward.

**Il-Kunsillier Joe Galea**

Is-Sur Galea tkellem fuq l-inċident li nqala' bejn is-sid tal-istabiliment Rusk li jinsab fi Triq il-Wied u l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart riċiklat. Huwa qal li bagħat għal persuni konċernati u ser jara eżattament x'ġara.

Is-Sur Galea tkellem fuq il-possibilta' li jsiru bankini ġodda fi Triq Antonio Micallef. Huwa qal li l-bankina fiha medda ta' 250 metru u l-ispiza biex issir ġdida hija esorbitanti li l-Kunsill ma jifħax għaliha finanzjarjament. Għalhekk huwa ser iqabbad lill-ħaddiema tal-Kunsill biex jagħmlu manutenzjoni tagħha.

**Il-Viċi Sindku Andre Grech**

Is-Sur Grech staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq it-talba ma' TM li tiġi installta speed camera fi Triq Birbal. Is-SE infurmah li din it-talba ma kinitx ġiet milqugħa.

Huwa infurma lill-Kunsill li għandu jagħmel meeting mas-Sur Zammit, Kap tal-infurzar LESA biex jaraw kif jistgħu jiġu implimentati miżuri ġodda ta' infurzar fil-lokalita'.

Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill li bħalissa qed jaħdem fuq leaflet f'dak li jirrigwarda etika fit-toroq biex finalment tiġi mqassma f'kull residenza fil-lokalita.

**Il-Kunsillier Daniel Muscat**

Is-Sur Muscat talab biex issir applikazzjoni ma' TM għal tabella STOP SIGN fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Mifsud Bonnici. Il-Kunsill approva.

Huwa ressaq ilment li fi Triq San Frangisk quddiem PJ Store hemm lampa tat-triq mhux tixgħel kif ukoll quddiem Kola store fi Pjazza Bertu Fenech.

Is-Sur Muscat ressaq talba ta' resident li joqgħod Buontempo Estate għal infurzar. Is-Sur Muscat ġie infurmat li dik hija triq privata u l-ebda azzjoni ma tista' tittieħed f'dan ir-rigward. Lanqas il-pulizija ma tista' tintervjeni.

Fuq talba ta' resident, it-tabelli ta' *No Flooding* fi Triq Il-Wied għandhom jitneħħew minħabba li jnaqqas mill-valur tal-propjeta' li jinsabu f'dik it-triq.

Is-Sur Muscat fuq is-suġġett Art Installations fejn l-istudenti jistgħu juru l-proġetti tagħhom f'postijiet differenti fil-lokalita' huwa qed jissuġerixxi li dawn il-proġetti jiġu mtella' fil-Ġnien A. Stellini.

## 7. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru 5468:** Email mingħand TM fejn il-Kunsill ġie infurmat li ma hemm l-ebda oġġezzjoni li Triq San Franġisk kantuniera ma' Triq Birbal tingħalaq għat-traffiku waqt li t-tfal jkun ħerġin mill-Iskola San Alwiġi.

**Ittra Nru 5470:** Ittra mill-Kazin Banda San Gabriel biex bħas-snin ta' qabel b'kollaborazzjoni mal-Kunsill issir il-purċissjoni tal-Ħadd il-Palm. Il-Kunsill approva.

**Ittra Nru 5473:** Email mingħand Maria Flores fejn qed titlob lill-Kunsill li tinqala' temporanjament it-tabella tat-triq minn fuq id-dar numru 37, Triq B. Bontadini peress li ser isiru xi xogħolijiet fuq il-faċċata tad-dar. Il-Kunsill approva.

Tressaq ilment minn residenta li toqgħod fi Triq it-Tabib J. Zammit fejn quddiem Giardini Grove qed jipparkjaw karozzi fil-biċċa d-dejqa tat-triq b'konsegwenza li bil kemm kemm jgħaddu l-karozzi u hemm bżonn li jsir xi ħaġa. Il-Kunsill approva li ssir talba ma' TM għal double yellow lines fejn indikat mir-residenta.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 8. Tqegħid ta' dokumenti u rapporti

Ma kienx hemm tqegħid ta' dokumenti jew rapporti

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it- Tnejn 22 ta' Frar 2016 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. Ian Spiteri** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

________________________
Data